MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 285/2004

**Avviz numru 285/04DM**

**Studio Moda Limited**

**Vs**

**Carnik Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- kumpanija konvenuta, ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, mija u sitta u tletin lira Maltin (Lm3,136) dovuti minnhom bhala bilanc ta’ prezz ta’ servizzi ta’ dezinn u ‘project management’ ezegwiti in konnessjoni mal-kostruzzjoni u kompletazzjoni tal-lukanda Bellavista Hotel u dan skond kif miftiehem permezz ta’ ftehim datat l-20 ta’ April, 2001.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tal-20 ta’ Ottubru, 2003, u bl-imghaxijiet kummercjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet illi:

1. Preliminarjament, is-socjeta’ eccipjenti m’hijiex il-leggittima kuntradittrici stante illi m’hijiex persuna morali registrata mal-Malta Financial Services Authority u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba tas-socjeta’ attrici hija preskritta *ai termini* ta’ l-Artikolu 2148 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta’ konvenuta m’ghandha taghti ebda ammont lis-socjeta’ attrici;
4. Ukoll fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalunkwe ammont li seta’ kien dovut lill-istess socjeta’ attrici mis-socjeta’ konvenuta fuq il-ftehim datat l-20 ta’ April, 2001, thallas fl-intier tieghu u ghas-saldu kif jista’ jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;
5. *In ogni* kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjeta’ attrici naqset milli taghti rendikont dettaljat u sahansitra naqset milli tindika b’mod car kif waslet ghall-ammont minnha pretiz fit-talba taghha;
6. *In ogni* kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv u dan kif jista’ jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza;
7. Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;
8. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici permezz ta’ liema fis-16 ta’ Gunju, 2005, cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, filwaqt illi zammew ferm il-kap ta’ l-ispejjez;

Billi l-konvenuti ma baghtu ebda rappresentant sabiex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni dwar il-kap ta’ l-ispejjez.

Il-Qorti wara li semghet ukoll il-provi u rat id-dokumenti esebiti ssib illi t-talba attrici ghall-ispejjez tal-kawza hija gustifikata u konsegwentement qeghda tilqa’ it-talba u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------